**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 16 – IT-TNEJN, 20 TA' APRIL 2020 FIL-11.00AM**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| | Trevor Fenech | Sindku |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Tania Borg | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier (11.25am) |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | | |
|---|---|---|
| | David Dalli | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 15

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

1.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 15

2.1 Ma kienx hemm punti.

## 3 Pagamenti Numru 15

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Tania Borg issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Pagamenti Numru 16

4.1 Is Sur Anthony Mifsud Bonnici ppropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Pagamenti Numru 17

5.1 Is Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu. Ġew approvati wkoll il-petty cash għax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2020,

Is-Sinjura Violet Bajada daħlet għal-laqgħa fil-11.25am.

## 6 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1 Kien hemm diskussjoni dwar il-kont pendenti li kien hemm għax-xiri ta' toys għal party tat-tfal li sar fil-Milied. Kien hemm qbil li dan jitħallas minkejja li t-toys li ġew delivered ma kinux it-toys ordnati. Għandhom jittieħdu r-returns li kien hemm u jitħallas il-kont pendenti.

Is-Sinjura Joan Farrugia skużat ruħha mil-laqgħa fil-11.30am.

6.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li ngħataw ħaddiema mill-kumpanija OzoMalta biex jagħmlu xogħol ta' maintenance fil-lokal, fejn il-kunsill kulma jrid jagħmel hu li jipprovdi l-materjal u l-għodda. Kien hemm qbil dwar dan.

6.3 Kien hemm qbil li jiġi estiż il-ftehim man-Notebook Centre biex ir-residenti jingħataw service ta' maintenance mingħajr ħlas fuq il-laptop jew kompjuter tagħhom. Il-ftehim ikun validu għal sena u l-ħlas ikun ta' 5000 Ewro.

6.4 Kien hemm diskussjoni dwar il-budget tal-Kunsill. Is-Sinjura Violet Bajada pproponiet li dan jiġi approvat. Is Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

6.5 Kien hemm diskussjoni dwar il-filming tal-Quddiesa u li tiġi uploaded fuq il-paġna tal-Kunsill. Kien hemm qbil li din hija idea tajba peress li l-anzjani huma mitluba ma joħorġux minn darhom, u kien hemm qbil li din għandha tkompli.

## 7 Affarjiet Ohra

7.1 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici tkellem dwar post li kien hemm fuq FB fejn persuna tkellmet mod dispreġjattiv fil-konfront tas-Sindku minħabba li twaħħlu bollards f'Pjazza Awrekarja. Is-Sindku rrisponda u nforma lill-Kunsill li hu ħa parir legali u lest li jieħu passi legali jekk dan id-diskors jerġa' jirrepeti ruħu. Is-Sindku ha pariri legali u mhux ser ihalli aktar 'hate speech' jew kummenti disprecjattivi lejn membri tal-Kunsill u jittiehdu procedure kontra min jaghmel hekk.

7.2 Is-Sur Joe Aquilina lmenta li saru xi ħsarat mill-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol ta' resurfacing fi Triq Despott.

7.3 Is-Sinjura Tania Borg talbet il-permess tal-Kunsill biex jitwaħħal banner minn fakultà tal-Università f'San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu li jingħata dan il-permess.

7.4 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sinjura Violet Bajada talli ħadet ħsieb tagħmel il-pies li intużaw għar-raffle fil-weekend tal-Għid.

## 8 Għeluq il-Laqgħa

8.1 Il-laqgħa spiċċat fl-12.10pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2020 fil-5.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**